## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI) V. HASSAN GAMAL SHAABAN BASSIOUNI (DETENTUR TAL-PASSAPORT EĠIZZJAN A31112180)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' Settembru 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Hassan Gamal Shaaban Bassiouni ta' tlieta u tlenin (33) sena, iben Jamal u Fatima nee' Abusalem mwieled nhar il-05 t'Ottubru 1990 ġewwa l-Eġittu, residenti ġewwa fond 4, Sqaq San Lażżru, Bormla, u detentur tal-passaport Eġizzjan bin-numru A31112180. (imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja taħt arrest mixli illi:

**"nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel u/jew ta' wara fi Triq il-Knisja il-Qadima, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:**

1. **Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu [redacted] li tiġi omm iż-żewġ uliedu minuri biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti, aħwa subien jew bniet bl-aggravju billi d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittmi jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, u dan bi ksur tal-*Artikoli 251B, 251H(a)(f) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

2. **U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-eks sieħba tiegħu [redacted] f'periklu ċar, voluntarjament**

**ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża fuq l-eks sieħba tiegħu [redacted] billi ikkaġunalha ġrieħi ħfief hekk kif ġiet iċċertifikatha mit-tabiba Dr Med Thitiphan Kungphaibool M.D, bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 6656 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana, bl-aggravju minħabba li d-delitt sar fuq l-eks sieħba tiegħu [redacted] li hi il-konjuġi attwali jew eks konjuġi, sieħba f'unjoni ċivili, jew koabitant kif wkoll id-delitt sar fuq [redacted] li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati u dan bi ksur tal-*Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 202(h)(i)(iv) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. **U aktar talli fl-istess data, ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel, bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil [redacted] tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil [redacted] fil-pussess ta' ħwejjiġha, jew ħatt bini, jew kisser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għaliha, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor u dan bi ksur tal-*Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

4. **U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi għamel inġurji jew theddid lil [redacted] liema inġurji mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien pprovokat, inġurjat b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-*Artiklu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

rat li l-Qorti ġiet mitluba *inter alia* illi kemm il-darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat li l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha ai termini tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat li waqt l-eżami msemmi, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Christian Cauchi
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Noel Bianco,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u billi r-reati imsemmija iġorru piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-Qorti wara li wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ħtija tiegħu, il-Qorti kkonvertit ruħa f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 u għaddiet sabiex tagħti din is-sentenza lill-imputat.

2. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi u ċioe tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-fatt illi l-imputat għandu fedina penali nadifa apparti ċirkustanzi oħra li ħarġu mit-trattazzjoni tal-piena, tara illi tkun qed toħloq bilanċ bejn id-dritt tas-soċjeta li tkun protetta u l-interessi tal-imputat jekk minflok piena karċerarja tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 251B, 251H(a), 251H(f), 251HA, 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h), 202(i), 202(iv), 85(1), 339(1)(e) tal-Kap. 9 u l-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, peress illi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1), (2) u (5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin mil-lum. Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-**

**Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuna msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Il-Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur